MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru. 464/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr Mario Cuschieri)**

**Vs**

**Giuseppe Lauretta**

Il-Qorti,

Rat l-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug, ezebit in atti, fil-lingwa Taljana u li permezz tieghu t-Tribunal ta' Novara fl-Italja talab l-estradizzjoni tal-imsemmi Giuseppe Lauretta, maghruf minn issa l-quddiem bhala "l-persuna" u li hu mfittex mill-awtorita kompetenti fl-Italja, pajjiz skedat skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali 320 tal-2004, bhala l-awtur tar-reat ta' omicidju volontarju, liema reat hu skedat skond Skeda 2 tal-istess Avviz Legali.

Rat ic-certifikat anness mal-atti u mahrug mill-Avukat Generali skond l-artikoli 6A u 7 tal-istess Avviz Legali in konnessjoni mal-‘alert’ mahrug fil-konfront tal-istess persuna, liema ‘alert’ hu ukoll anness mal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kaz specjalment dak kollu verbalizzat waqt is-seduta tad-29 ta’ Marzu 2011.

Ikkunsidrat
Illi, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Marzu 2011, li fiha kien qed jsir l-‘initial hearing’ f’dawn il-proceduri, wara li l-Qorti semghet taht gurament lill-Ufficjal Prosekutur, ghamlet l-ezami tal-istess persuna, nnominat Avukat tal-Ghajnuna legali u ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar il-kwistjoni ta’ identita (ara l-artikolu 10(2) tal-istess Avviz Legali), l-persuna, tat volontarjament, presenti wkoll l-interpretu nominat u b’mod irrevokabbli, il-kunsens taghha sabiex tigi mreggija lura lejn l-Awtorita Gudizzjarja nvoluta, liema kunsens inghata ukoll minghajr pregudizzju ghall-hekk msejjha “Law of Speciality” (ara l-artikolu 43(3) tal-istess Avviz Legali).

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi, l-Qorti, skond l-artikolu 45(3)(a) tal-Avviz Legali 320 tal-2004, tordna li Giuseppe Lauretta, kif deskritt fl-istess Mandat ta’ arrest, jinzamm taht kustodja sabiex jistenna l-estradizzjoni tieghu lejn l-Italja u dan fi zmien ghaxart (10) ijiem millum stess.

Din l-Ordni qed issir soggetta ghas-segwenti:-

a) Kif digja inghad, l-istess persuna, ma rrinunzjatx ghar-‘rule of speciality’ u ghalhekk din l-ordni qed issir sabiex hi tigi processata in konnessjoni mar-reat ta’ omicidju volontarju kif deskritt fil-mandat ta’ arrest ewropew in ezami.

b) Fl-ahhar nett, wara li rat l-artikoli 25 u 15(5) tal-istess Avviz Legali u l-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjonui (Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta’ Malta), il-Qorti qed tinforma lill-persuna li kaz illi thoss illi d-drittijiet taghha, nkisru, qed jinkisru jew ser jinkisru, hi ghandha

dritt ghal rimedju taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------